**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-27 ta' Jannar, 2017**

**Talba numru 412/2016 AM3**

**Lista Numru: 44**

**Olive Gardens Investments Limited**

**Baldacchino Buildings,**

**Valletta Road,**

**Zurrieq**

**Vs**

**Clint Vassallo**

**Flat 12, Blokk B,**

**Triq ic-Cikas,**

**Zabbar**

**Kimberly Briffa**

**Citizen Court Flat 3,**

**Triq il-Granmastri,**

**Marsaskala**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Settembru, 2016 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet l-hlas minghand il-konvenuti s-somma ta' elfejn mija u

hamsin ewro (€2,150) stante li l-konvenuti b'kuntratt tas-17 ta' April, 2014 kriet il-fond Eden Lodge fiz-Zurrieq ghal funzjoni tat-tieg li kellu jinzamm fit-30 ta' Marzu, 2016 liema tieg ma sarx u s-Socjeta' konvenuta giet infurmata jumejn qabel it-30 ta' Marzu, 2016 u li a bazi tal-istess kuntratt tas-17 ta' April, 2014 il-konvenuti huma obbligati jhallsu dan l-ammont.

Ra li l-konvenut Clint Vassallo gie debitament notifikat bl-avviz u bid-data tal-ewwel seduta.

Ra r-rikors tal-konvenuti a fol 9 li permezz taghha l-Avukat taghhom talbet differiment.

Ra l-verbal ta' dan it-Tribunal tal-25 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu ta lil konvenuti tmintax-il jum zmien biex jipprezentaw r-risposta taghhom liema risposta baqghet qatt ma giet prezentata.

Ra n-nota konguntiva tal-partijiet kollha li permezz taghha l-konvenuti accettaw li ghandhom jaghtu l-ammont mitlub mis-Socjeta' attrici u li l-hlas ser isir permezz ta' pagamenti mensili ta' mitt ewro (€100) fix-xahar da parti tal-konvenuta u pagament ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuti in solidum u bl-imghax legali jiddekorri biss f'kaz ta' morozita' ta' pagament wiehed minn imqar wiehed mill-konvenuti f'liema kaz il-bilanc kollu dovut isir pagabbli minnufih.

Ra l-verbal tal-Avukati tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 li fih talbu li l-kawza tibqa ghad-decizjoni a bazi tan-nota konguntiva tal-partijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba u jiddikjara s-somma ta' elfejn mija u hamsin ewro (€2,150) hija dovuta mill-konvenuti lis-Socjeta' attrici u li tali ammont ghandu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' mitt ewro (€100) fix-xahar da parti tal-konvenuta u pagament mensili ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar u bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) jiddekorri biss f'kaz ta' morozita' ta' pagament wiehed minn imqar wiehed mill-konvenuti f'liema kaz il-bilanc kollu dovut isir pagabbli minnufih.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**